L-AKKADEMJA TAL-MALTI

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

# Il-PREŻENZA TAL-ILSIEN MALTI FIL-PROĠETTI KIROGRAFIĊI U SEMJOTIĊI TA' WILLIAM WOLKOWSKI

**Taħdita pubblika minn Dr Mario Cassar f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta,**

**nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar 2018, fis-6.15 p.m.**

Il-kirografija hija l-istudju tal-arti tal-kitba bl-idejn bħala għodda espressiva, u li għaldaqstant għandha dimensjoni estetika daqskemm semjotika. William Wolkowski huwa professur Franċiż-Pollakk li ħakem l-arti tal-kirografija u li bħal skriba medjevali jfittex li jagħti kulur, timbru, karattru lil dawk it-testi li jagħżel jinterpreta. Mill-1987 'l hawn espona l-kollezzjonijiet kirografiċi tiegħu fi sbatax-il pajjiż differenti. F'dawn ix-xogħlijiet kultant jitfaċċaw anki kontribuzzjonijiet bil-Malti. Fil-fatt, s'issa, l-ilsien Malti deher f'mhux anqas minn tlettax-il proġett kirografiku minn tiegħu. Fost dawn nistgħu nsemmu l-*Ave Maria* u l-*Pater Noster*, kif ukoll kwotazzjonijiet minn Lewis Carroll, Nicolai Gogol, Arthur Rimbaud, Marie Curie, William Shakespeare, Il-Vanġelu ta' San Ġwann, u l-Apokalissi. Dan l-aħħar Wolkowski nieda wkoll proġett interessanti fuq il-poeżija Marjana bil-Malti. L-interpretazzjonijiet kirografiċi ta' dawn il-poeżiji sa jidhru għall-ewwel darba appuntu waqt din it-taħdita. Sa jidhru wkoll għall-ewwel darba tliet interpretazzjonijiet tal-famuża *Ode to Joy* ta' Schiller bil-Malti.

Jekk jogħġbok irreġistra ruħek li se tattendi billi tibgħat email fl-indirizz elettroniku: info@akkademjatalmalti.org

Importanti ħafna li għal raġuni ta' sigurtà nieħdu ħsieb nuru l-karta tal-identità fil-bieb prinċipali ta' Dar l-Ewropa.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

10.01.2018